



Brussell, 22 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

10888/25

LIMITE

CORLX 697  
CFSP/PESC 1028  
RELEX 869  
COMET 40  
COTER 113  
FIN 775

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL** li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/386 li jstabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Famas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/386  
li jistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw  
jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/386 tad-19 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/386, 19.01.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/386/oj>.

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Jannar 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/386.
- (2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina, jenħtieġ li għaxar persuni jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/386.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/386 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/386 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/386, jiżdedu l-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
"13.	Nizar Mohammed AWADALLAH magħruf ukoll bħala Nizar Bin Mohammed AWADALLAH; Nazar Muhammad Mahmud AWADALLAH	Data tat-twelid: 11.12.1957 Post tat-twelid: Gaza City, Gaza Nazzjonalità: Palestinjana Sess: raġel Nru tal-ID Nazzjonali Palestinjana: 931005433 Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas ("Politburo")	Nizar Mohammed Awadallah ilu membru tal-Politburo mill-2009. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
14.	Mohammad NAZZAL magħruf ukoll bħala Muhammad Essam Rizk Abdul RAHMAN	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Amman, Jordan Nazzjonalità: Ġordaniża Sess: raġel Nru tal-ID Nazzjonali Ġordaniża: 9631022654 Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Mohammad Nazzal ilu membru tal-Politburo mill-1996. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
15.	Husam BADRAN magħruf ukoll bħala Hossam BADRAN; Husam Ataf Ali BADRAN; Husam Atif All BADRAN; Hussam BADRAN	Data tat-twelid: 11.1.1966 Post tat-twelid: Nablus (West Bank) Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Husam Badran ilu membru tal-Politburo mill-2017. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
16.	Khaled MASHAL (خالد مشعل)	Data tat-twelid: 28.5.1956 Post tat-twelid: Silwad, Ramallah (West Bank) Nazjonalità: Palestinjana Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas	Khaled Mashal huwa membru tal-Politburo. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
17.	Khalil AL-HAYYA (خليل الحية)	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Gaza Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas; Viċi Kap tal-bureau reġjonali tal-Ħamas f'Gaza	Khalil Al-Hayya ilu membru tal-Politburo mill-2016. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
18.	Muhammad Ismail DARWISH magħruf ukoll bħala Abu Omar Hassan (أبو عمر حسن)	Post tat-twelid: Lebanon Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas; Kap tal-korp konsultattiv tal-Ħamas, il-Kunsill Shura	Muhammad Ismail Darwish huwa membru tal-Politburo. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
19.	Zaher JABARIN (زاهر جبارين) magħruf ukoll bħala Zaher JABAREEN (جبارين زاهر)	Data tat-twelid: 18.9.1968 Post tat-twelid: Salfit (West Bank) Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”); membru tal-Kumitat ta' Tmexxija Temporanju tal-Ħamas; Kap tal-bureau reġjonali tal-Ħamas fil-West Bank	Zaher Jabarin ilu membru tal-Politburo mill-2021. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
20.	Abu Khalil AL-QUDS أبو خليل القدس	Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Abu Khalil al-Quds ilu membru tal-Politburo mill-2021. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+
21.	Fathi HAMAD فتحي حماد magħruf ukoll bħala Fathi Ahmad HAMMAD, Fathy Ahmed HAMAD	Data tat-twelid: 1961 Post tat-twelid: Jabaliya, Gaza Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)	Fathi Hamad ilu membru tal-Politburo mill-2017. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
22.	<p>Moussa ABU MARZOUK  موسى أبو مرزوق  magħruf ukoll bħala  Mousa Mohammed ABU MARZOOK, Musa Abu MARZUK, Sa'id ABU-MARZUQ</p>	<p>Data tat-twelid: 9.2.1951  Post tat-twelid: Gaza  Sess: raġel  Funzjoni: membru tal-Bureau Politiku tal-Ħamas (“Politburo”)</p>	<p>Moussa Abu Marzouk huwa membru tal-Politburo. Bħala membru ta' dak il-korp deċiżjonali, huwa responsabbli għal azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas.</p>	<p>+</p>

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.